Sette Gugno 1995

Onor. Agent Prim Ministru
Onor. Kap tal-Opposizzjoni
Onor Ministri u Deputati,
Sinjuri Sindki, Mistednin, Sinjuri.

F'seduta parlamentari li saret fl-14 ta' Marzu 1989, il-Kamra tad-Deputati approvat l-Att Nru VIII tal-1989 li fost hwejjeg ohra, iddikjara l-gurnata li fiha tigi ccelebrata l-festa tas-Sette Giugno, bhala wahda minn hames Festi Nazzjonali. Minn dak in-nhar, din il-gurnata giet mizmuma bhala okkazjoni li fiha l-Maltin u l-Ghawdxin jinghaqdu f'kommemorazzjoni nazzjonali li mhux biss tfakkar il-grajja nnfisha u l-persunaggi li kellhom sehem importanti fiha, izda li tkun marbuta mill-vicin ma l-istituzzjoni Parlamentari u allura mal-hajja demokratika ta' dawn il-gzejjer.

Hija haga naturali illi din il-kommemorazzjoni issir kull sena f'din il-pjazza, ma gemb il-monument dedikat lill-vittmi tas-Sette Giugno. Ghaliex din il-pjazza kienet xhud ta' uhud mill-mumenti l-aktar importanti fl-istorja ta'pajjizna - mumenti li hafna drabi kienu drammatici u li kwazi dejjem kienu prova ta' eroizmu, kuragg u sens ta' pattrijottizmu kbir muri minn Maltin li ssieltu biex taw lill-pajjizna l-identita tieghu. Fost dawn il-mumenti hekk importanti, nsibu x-xenarju kollu li fih sehhew il-fatti maghrufa fostna bhala s-Sette Giugno u l-izviluppi kollha li kien hemm proprju bhala rizultat ta' dik il-grajja drammatika u mdemmija li llum tiffurma parti integrali mill-istorja ta' pajjizna.

Il-presenza taghna hawnhekk, ghalhekk, hi fiha nfisha, gest simboliku imfawwar b'tifsiriet importanti li minnhom wiehed jista jislet il-messagg li l-parlamentari Maltin riedu li jitwassal meta ttiehdet id-decizjoni illi din tkun festa marbuta mal-Parlament Malti - l-istituzzjoni li wahidha tirraprezenta l-ghola espressjoni tal-vuci tac-cittadini Maltin u Ghawdxin - l-istituzzjoni li fiha il-poplu taghna ghazel li jpoggi l-fiducja totali u assoluta tieghu biex ikollu l-aqwa garanzija ghal valuri demokratici li huwa jhaddan u ghar-rebhiet politici u kostituzzjonali li sehhew mill-1919 sallum.

Hija din ir-raguni ewlenija li tispjega l-importanza ta' din il-festa nazzjonali, ghaliex l-izviluppi kostituzzjonali u t-tishih tad-demokrazija parlamentari Maltija, qabad rittmu mghaggel immedjatament wara l-fatti li sehhew f'dawk iz-zmienijiet fl-isfond ta' sitwazzjoni internazzjonali li kienet zviluppat mat-tmiem ta' l-ewwel Gwerra Dinjija u malli gie iffirmat it-Trattat ta' Versailles.

Kif kelli okkazjoni nghid f'cirkostanzi ohra, dak li gara f'Malta f'Gunju tal-1919 ma jistax ma jigix inkwadrat fid-dawl tal-effetti li halliet dik il-gwerra kiefra. U dak li gara immedjatament wara s-Sette Giugno, ma jistax jinftiehem sewwa jekk ma jitqieghdx fil-kuntest ta' dak it-trattat, li gie iffirmat fit-28 ta'.Gunju 1919 u li kien strument internazzjonali li kkonsolida l-principju illi kull nazzjon zghir jew kbir, ghandu d-dritt naturali li jaghzel b'mod liberu u demokratiku, minn jiggvernah u kif jiggvernah.

Il-mizerja u l-faqar li pajjizna kellu jiffaccja proprju minhabba l-ezigenzi u l-pressjonijiet li gabet maghha l-ewwel Gwerra Dinjija, poggiet lil-Maltin wicc imb'wicc ma' realta

kiefra u cjoe illi l-ebda barrani ma kien ser jiehu hsieb l-interessi taghhom daqs kemm setghu jiehdu hsiebhom huma stess jekk u meta jkollhom t-tmun ta' pajjizhom f'idejhom.

Dan il-fattur, mizghud bil-bidla fl-attitudni tal-forzi imperjali, kien ix-xrara li xeghelt il-huggiega patrijottika ta' Maltin li kellhom vizjoni demokratika ghal pajjizna - vizjoni li ghandha tibqa ta' ezempju ghalina lkoll.

Is-Sette Gugno, ghalhekk tirraprezenta tlett aspetti krucjali fl-izvilupp politiku u kostituzzjonali ta' dawn il-gzejjer. L-ewwel nett xprunat ir-rieda tal-poplu malti li jistablixxi s-sovranita tieghu u allura d-dritt illi huwa jamministra hwejgu u jfassal il-futur tieghu u ta' wliedu. It-tieni welldet it-triq tad-demokrazija parlamentari li wasslet ghall-istituzzjoni Parlamentari li zviluppat fl-istituzzjoni kif nafuha llum, mfassla fuq l-esperjenzi ta' pajjizi ohra, imma rtukkata biex taqdi l-bzonnijiet taghna fic-cirkustanzi taghna. U fit-tielet lok seddqet kultura parlamentari mibnija fuq l-aspett rappresentattiv u demokratiku.

M'hemmx dubju illi l-grajjiet tas-sette gugno jimmarkaw mument iehor fl-istorja twila ta' dawn il-gzejjer, meta l-poplu Malti u Ghawdxi nghaqad wara l-bandiera maltija li kienet u tibqa tissimbolizza l-identita tieghu bhala nazzjon sovran, mhux biss kapaci li jghix b'mod dinjituz izda kapaci wkoll juza r-rizorsi limitati tieghu biex jghix fil-progress, fil-liberta u fil-paci. Kien hemm hafna minn dawn il-mumenti fl-istorja mqanqla ta' dawn il-gzejjer - storja li tmur lura eluf kbar ta' snin imma li sabet l-fjur taghha f'dan is-seklu meta pajjizna kellu x-xorti li jsib mexxejja patrijotti, ulied din l-art helwa, li gharrfu l-identita tal-poplu Malti u li ghamlu hilithom biex din l-identita tinghata r-rispett u d-dinjita li kien jisthoqqilha.

L-anqas ma hemm dubju illi l-grajjiet li qieghdin nikkomemoraw illum irregistraw l-ewwel passi tal-poplu taghna fl-ghazla ta' l-istrutturi li huwa ried li jkollu biex jkun jista jirregistra progress ekonomiku u socjali billi jkun huwa stess li jmexxi lill pajjizu, hieles minn kull hakma jew influenza barranija li kienet tiddettalu l-istil ta' hajtu u li rabtitu ma interessi li ma kienux dejjem u necessarjament l-ahjar interess ta' dan il-poplu.

Il-poplu taghna ried li jkollu l-gvern tieghu, ried li jkollu l-qrati tieghu, imma fuq kollox ried li jkollu l-parlament tieghu li jkun jigbor fih rapprezentanti li huwa stess ikun ghazel biex jghabbihom bir-responsabbilta kbira li jmexxu lill-pajjiz.

Dak kien il-bidu u naghmlu tajjeb jekk nibqghu lkoll kemm ahna nzommuh quddiem ghajnejna meta nharsu lejn l-istituzzjoni li ahna writna u li rridu naghddu lill ulied awk li sejrin jigu warajna. Forsi hadd hlief il-membri parlamentari ma jistghu japprezzaw kemm hi kbira din ir-responsabbilta, ghaliex huma jridu jkunu li bil-hidma taghhom, jirrendu din l-istituzzjoni, strument haj li jkun jista jilhaq l-aspirazzjonijiet tal-poplu kollu, mill-kbir saz-zghir. Hija l-istituzzjoni fejn il-membri parlamentari jridu jaghtu kont ta' ghemilhom billi mhux biss jesprimu l-opinjoni taghhom rigward dak li jkun qieghed jigi propost imma li fl-ahhar mill-ahhar, iridu jissigillaw decizjoni billi jesprimu vot favur jew kontra xi kwistjoni skond ir-regoli demokratici.

Naturalment, jezistu metodi differenti, prioritajiet differenti u politika differenti u huwa minhabba f'hekk illi l-istituzzjoni parlamentari hija krucjali ghal kull demokrazija

ghaliex permezz taghha huwa possibbli illi opinjonijiet differenti jkunu jistghu jahbtu ma xulxin bl-iskop illi fl-ahhar mill-ahhar jew jinstab dak li hu komuni u preferibbilment dak li hu accettabbli ghal l-aktar firxa wiesa ta' mhuh jew inkella jigi deciz x'ghandu jsir proprju skond ir-regoli tad-demokrazija.

F'dan kollu, r-rwol tal-membru parlamentari Malti, huwa wiehed krucjali u l-okkazjoni tallum tigi proprju biex jinghata rikonoxximent xieraq lill dan ir-rwol. Proprju ghalhekk, jiena ma nistax ma niehux din l-okkazzjoni biex ghal darba ohra nesprimi l-apprezzament lejn kull wiehed u wahda mill-membri parlamentari maltin illi b'sagrificcji personali kbar - sagrificcji li kwazi dejjem huma mohbija mill-attenzjoni pubblika - jiddedikaw l-energiji taghhom biex jaraw lill din il-pajjiz miexi l-quddiem. Dan jghodd ghal kull membru parlamentari, sew jekk inhu fuq in-naha tal-Gvern sew jekk huwa fuq in-naha tal-Opposizzjoni, sew jekk ghandu responsabbilta ezekuttiva, kif ukoll jekk huwa back bencher. Ghaliex hemm xi haga li hi komuni ghal kull min jinghazel biex jirraprezenta lill-poplu Malti fl-ghola istituzzjoni tal-pajjiz, u din hi s-sens ta' impenn biex permezz ta' dik l-istituzzjoni, jsir il-gid komuni.

Irrid ghalhekk illi f'din l-okkazzjoni, ntenni illi t-tajjeb li ghandu dan il-pajjiz li jinkludi l-libertajiet li lkoll kemm ahna ngawdu, l-istabbilita u l-progress, r-rikkezza ta' valuri li nhaddnu fosthom ir-rispett lejn id-dinjita umana u s-solidarjeta ma min ghandu bzonn l-ghajnuna taghna - huma kollha mertu tal-membri parlamentari Maltin li matul is-snin haddmu bi snienhom biex jakkwistaw dawn it-tezori kbar.

Is-Sette Gugno, ghalhekk, tfisser ukoll tislima nazzjonali lill dawk il-parlamentari kollha li f'xi zmien jew iehor intghazlu biex jirraprezentaw lill-poplu Malti f'din l-istituzzjoni u li b'xi mod ikkontribwew biex sahhewha fl-interess tal-gid komuni. Tfisser tislima lill Prim Ministri kollha li matul is-snin mexxew lill-pajjizna, lill-Ministri kollha, lill-back benchers kollha. Tfisser tislima lil min jimpenja ruhhu fil politika - dik il-politika genwina li bl-uzu ta' metodi demokratici tfittex li ssib x'inhu l-ahjar ghal gid komuni u b'mod specjali ghal min l-aktar li ghandu bzonn spalla fuq min iserrah.

Hemm aspett iehor importanti li huwa marbut ma din il-festa nazzjonali, u dan jinstab fil-fatt illi l-Parlament Malti jsib t-twelid tieghu mnaqqax fil-grajjiet li llum qieghdin nikkomemoraw. Kienu dawk il-grajjiet li taw bidu ghal mixja kostituzzjonali u politika li fl-ahhar wasslet lill-pajjizna biex ikollu l-parlament tieghu. Istituzzjoni li kibbret matul il-medda ta' snin, li ssahhet bl-esperjenza u bil-kapacita ta' dawk li haddmu fiha, u li llum tibqa l-aqwa garanzija ghall-futur taghna u ta' uliedna.

Hija istituzzjoni li tahdem b'regoli fissi li jridu jigu segwiti ghaliex minghajrhom, id-demokrazija parlamentari ma tkunx tista topera. Regoli u procedura, li ghal xi uhud jistghu jidhru bhala formalita imma li fil verita huma l-pedament li fuqhom tinbena l-attivita parlamentari demokratika.

Ir-responsabbilta biex dawn ir-regoli jigu segwiti taqa fuq spallejn kull wiehed mill-membri parlamentari li jifforma parti minn din l-istituzzjoni imma zgur u fuq kollox, taqa fuq spallejn min ikun qieghed jippresjedi l-laqghat tal-Kamra, ghaliex il-Kamra stess tkun ghazlitu biex jaqdi din il-funzjoni. Min jintghazel biex jerfa dan il-pis, ghandu r-responsabbilta li jaghmel dan b'mod li mhux biss jiggarantixxi l-funzjoni parlamentari

imma wkoll billi bl-applikazzjoni tar-regoli, jsahhah l-istituzzjoni nnfisha u jaghmilha aktar effettiva fir-rwol taghha.

Ghalhekk, irrid niehu din l-okkazjoni biex insellem lil dawk kollha li f'xi hin jew iehor, kellhom l-unur u l-piz li jokkupjaw il-kariga ta' President tal-Kamra tad-Deputati. Insellmilhom, ghaliex dak li l-Parlament Malti ghandu f'idejh illum huwa wkoll mertu taghhom ilkoll f'daqqa - mertu tal-kontribut li huma taw biex sostnew ir-regoli demokratici, biex sahhew l-istituzzjoni u biex hallew parlament li seta dejjem isir aktar b'sahhtu u aktar effettiv.

Ghandna obbligu li dan il-wirt naghdduh lil min ser jigi warajna, u rridu naraw illi meta jigi l-mument biex nhallu din l-istituzzjoni - u min hu fil-politika jaf tajjeb illi dan hu appuntament mad-destin li ma jistax jigi evitat - nkunu tajna l-kontribut taghna biex min jigi warajna jsib istituzzjoni aktar b'sahhitha u aktar effettiva.

Forsi dan jghodd illum ferm aktar minn qatt qabel, proprju minhabba t-tibdiliet li sehhew ftit gimghat ilu - frott tal-vizjoni taz-zewg nahat tal-Kamra li riedu illi l-Parlament Malti jkun jista jirrispondi ahjar ghall-ezigenzi tas-socjeta maltija billi minn banda l-wahda jahdem b'mod aktar efficjenti, u mill-banda l-ohra, jkun strument effettiv izjed milli kien sallum fl-iskrutinju ta' dak li jkun qieghed isir mill-Gvern tal-pajjiz specjalment f'dak li ghandu x'jaqsam ma l-infieq ta' flus li jkun gie awtorizzat mill-Parlament stess.

L-introduzzjoni tal-kumitati permanenti flimkien mat-tibdiliet l-ohra li jinkludu l-emendi li gew approvati ghall-Ordinanza tal-Privileggi, jimmarkaw fazi gdida fil-hajja tal-Parlament Malti - fazi li matulha pajjizna jista jistenna impenn ikbar u ahjar minghand kull membru parlamentari bl-iskop illi mhux biss il-process legislattiv isir ahjar milli sar s'issa, imma li jkun ukoll jippermetti lic-cittadin li jkun aktar vicin jekk mhux involut f'dan il-process, ghaliex issa m'hemm xejn li jzomm lill-kumitati tal-Parlament li jikkonsultaw lill-pubbliku, li jigbru l-opinjonijiet minghand is-setturi differenti u li jirrapurtaw lill-Parlament dwar dawn il-konsultazzjonijiet.

Forsi dan ikun zvilupp li ghad irid jigi maturat fuq l-esperjenza li bdejna naghddu minna matul dawn l-ahhar gimghatejn u cjoe minn mindu bdew jahdmu l-kumitati. Imma jiena cert li din hija t-triq li tista tkompli tqarreb lic-cittadin lejn l-istituzzjoni u vici-versa. Daqs kemm jiena cert ukoll illi dan il-fatt wahdu ghandu jsahhah sostanzjalment l-fiducja tal-poplu Malti fl-istituzzjoni parlamentari.

L-introduzzjoni tal-kumitati tinkludi ukoll strument gdid f'idejn il-Parlament Malti, sabiex ikun jista jivverifika l-ispiza pubblika u jara illi dak li jkun intefaq mill-Gvern, ikun kopert b'rendikont finanzjarju li jispjega l-infieq u li jiggarantixxi illi l-poplu Malti jkun qieghed jircievi servizz ta' kwalita. Dan ukoll ghandu jgib mieghu tibdil radikali li zgur ser isahhah l-istituzzjoni parlamentari u huwa d-dover taghna lkoll illi nkomplu nibnu fuq dak li bdejna billi nipprovdu l-ghodda biex dan l-istrument ikun jista jaqdi l-funzjoni tieghu b'mod effikaci.

Fost il-hwejjeg l-aktar importanti li jmiss li jigu trattati bejn iz-zewg nahat tal-Kamra, hemm il-punt dwar ir-rwol tad-Direttur tal-Verifika u l-posizzjoni kostituzzjonali tieghu specjalment fid-dawl tal-principju illi l-dak l-ufficcju ghandu jkun indipendenti

minn kull influenza jew kontroll minn naha tal-Gvern u ghandu jkun attrezzat sewwa biex ikun jista jaqdi l-funzjoni tieghu u biex ikun jista jirraporta lill-Parlament b'mod oggettiv u kostruttiv.

Dan kollu huwa maghgun ma' din il-Festa Nazzjonali ghaliex huwa l-frott ta' sforz kollettiv li beda snin ilu minn predecessuri taghna li kellhom vizjoni demokratika wiesgha u twila u li bdew process li hemm bzonn li jibqa ghaddej anke matul ix-xhur u s-snin li gejjin sabiex din l-istituzzjoni tkun tassew tista tkompli tirrispondi ghall-bzonnijiet ta' pajjizna.

Proprju ghalhekk, il-kommemorazzjoni ta' dalghodu tfakkarna fl-impenn ta' dawk li gew qabilna u li matul is-snin taw il-kontribut taghhom biex din l-istitutuzzjoni tkun tista tikber u tissahhah. Tfakkarna f'dawk li stinkaw biex pajjizna jkollu strument effettiv li jkun jista jgib il-progress ekonomiku u livell ta' ghixien gholi ghal kullhadd, f'ambjent li jkun jirrispetta d-dinjita tal-persuna shiha. Tfakkarna fid-dover taghna illi nsellmu lil dawk kollha li ddedikaw hajjithom u f'certi kazi, anke sahhithom, biex ikunu jistghu jservu lill-pajjizna.

Fl-ahhar nett, tfakkarna f'dawk li tawna l-ezempju ta' min pogga l-interessi nazzjonali qabel dawk personali, ta' min wera bil-fatti u mhux bil-kliem biss, illi l-valur tal-politika jinsab fil-kapacita ta' kull wiehed minna li jzomm l-interess tal-persuna umana bhala l-ghan ewlieni tal-hidma politika tieghu.

Grazzi.

D.O.I. (7.6.95)